

31970L0311

L 133/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

99.99.9999

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tat-8 ta' Ġunju 1970****dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat- tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom**

(70/311/EEC)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Artikolu 1

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur maħsuba għal użu fit-triq, bil-karozzerija jew min-ghajra, li għandha minn ta' lanqas erba' roti u li għandha veloċità massima ddisinjata li teċċedi il-25 kilometru fis-siegħa, u l-karrijiet tagħha, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji, tratturi u makkinarju għall-agrikultura u vetturi tax-xogħlijiet pubbliċi.

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾;

Artikolu 2

Billi l-ħtiġiet tekniċi li l-vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali jikkonċernaw, *inter alia*, it-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni tagħhom;

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni tagħha jekk dan it-tagħmir jissodisfa l-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness.

Billi dawk il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor; billi huwa għalhekk neċessarju li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew flimkien ma', jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, biex, b'mod partikolari, jippermettu li l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill ⁽³⁾ tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, tkun applikata fir-rigward ta' kull tip ta' vettura;

Artikolu 3

L-emendi neċessarji għall-aġġustament tal-ħtiġiet ta' l-Anness sabiex jiġi kkunsidrat il-progress tekniku, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU Ċ 160, tat-18.12.1969, p. 7.

⁽²⁾ ĠU Ċ 10, tas-16.4.1969, p. 18.

⁽³⁾ ĠU L 42, tal-25.7.1998, p. 1.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet li jgħbru fihom il-ħtiġiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien tmintax-il xahar min-notifika tagħha, u għandhom minnufih jinfirmaw lill-Kummissjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva jiġi komunikat lill-Kummissjoni.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-8 ta' Ġunju 1970.

Għall-Kunsill

Il-President

P. HARMEL

ANNEX

1. DEFINIZZJONIJIET

1.1 Tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni

“Tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni” tfisser kull tagħmir li l-għan tiegħu hu li jbidel id-direzzjoni tal-moviment tal-vettura.

It-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni jista' jkun kunsidrat li jinkludi:

- l-kontroll ta' l-*steering*
- l-*steering gear*;
- l-*steered wheels*;
- fejn applikabbli, tagħmir speċjali sabiex jipproduċi qawwa addizzjonali jew indipendenti

1.1.1 Kontroll tal-*steering*

“Kontroll tal-*steering*” tfisser il-parti direttament imħaddma mis-sewwieq sabiex jidderieġi l-vettura.

1.1.2 *Steering Gear*

1.1.2.1 Fil-każ ta' vetturi bil-mutur, “*steering gear*” ifisser il-komponenti kollha bejn il-kontroll ta' l-*steering* u l-*steered wheels*, bl-eċċezzjoni ta' l-apparat speċjali imsemmi f'punt 1.1.4. L-*steering gear* jista' jkun mekkaniku, idrawliku, pnevmatiku, elettriku jew kombinazzjoni ta' wħud minn dawn.

1.1.2.2 Fil-każ ta' karrijiet, “l-*steering gear*” ifisser il-komponenti kollha li jitrażmettu lill-*steered wheels* il-forza neċessarja sabiex tinkiseb bidla fid-direzzjoni tal-moviment tal-vettura.

1.1.3 *Steered wheels*

“*Steered Wheels*” ifisser ir-roti li l-alinjament tagħhom jista' jkun mibdul direttament jew indirettament b'relazzjoni għal dak tal-vettura sabiex tinkiseb bidla fid-direzzjoni tal-moviment tal-vettura.

1.1.4 Tagħmir speċjali

“Tagħmir speċjali” jfisser dik il-parti tat-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni, li biha tiġi prodotta qawwa addizzjonali jew indipendenti. Qawwa addizzjonali jew indipendenti tista' tkun prodotta permezz ta' kull sistema mekkanika, idrawlika, pnevmatika jew elettrika, jew permezz ta' xi kombinazzjoni ta' dawn (eżempju, permezz ta' pompa taż-żejt, pompa ta' l-arja jew batterija).

1.2 Tipi differenti ta' tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni

1.2.1 Skond is-sors ta' qawwa meħtieġa għad-devjazzjoni tal-*steered wheels*, it-tipi ta' tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni li ġejjin huma distinti:

- 1.2.1.1 tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni manwali fejn il-qawwa tar-rota ta' l-*steering* hija dik provduta biss permezz tal-qawwa muskulari tas-sewwieq;
- 1.2.1.2 tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni assistit, f'liema l-qawwa tar-rota ta' l-*steering* hi dik provduta kemm permezz tal-qawwa muskulari tas-sewwieq kif ukoll bl-apparat speċjali msemmi f'punt 1.1.4.
- 1.2.1.3 apparat ta' *servo-steering* fejn il-qawwa tar-rota tal-*steering* hija dik provduta biss permezz ta' l-apparat speċjali imsemmi f'punt 1.1.4.

1.3 Sforz għal kontroll tad-direzzjoni

"L-isforz għal kontroll tad-direzzjoni" jfisser il-forza mħaddma mis-sewwieq fuq ir-rota tal-*steering* biex jidderieġi l-vettura.

2. ĦTIĠIET GĦALL-KOSTRUZZJONI, TWAĦĦIL U SPEZZJONAR

2.1 Ħtiġiet Ġenerali

- 2.1.1 It-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni għandu jassigura kontroll faċli u assigurat tal-vettura; jekk meħtieġ, il-vettura għandha tkun mgħammra bi *steering* assistit.

2.2 Ħtiġiet iddettaljati

2.2.1 Il-kontroll tal-*steering*

- 2.2.1.1 Il-kontroll tal-*steering* għandu jkun faċli biex tużah u faċli biex timmaniġġjah. Għandu jkun imfassal b'tali mod li jippermetti devjazzjoni gradwali. Id-direzzjoni tal-moviment tal-kontroll tal-*steering* għandha tikkorrispondi ċar għall-bidla mixtieqa fid-direzzjoni tal-vettura.

- 2.2.1.2 L-isforz għall-kontroll tad-direzzjoni meħtieġ sabiex tkun miksuba dawra tond b'*radius* ta' 12-il metru, li jibda mill-pożizzjoni ta' quddiemnett, m'għandux jeċċedi l-25 kilogramma.

Fil-każ ta' tagħmir ta' *steering* assistit, jekk tonqos il-provvista ta' l-enerġija awżiljarja, l-isforz għall-kontroll meħtieġ tad-direzzjoni m'għandux jeċċedi 60 kilogramma.

- 2.2.1.3 Sabiex tkun kontrollata l-konformita mal-ħtieġa f'punt 2.2.1.2 hawn fuq, il-vettura għandha tiddeskrivi moviment spirali b'veloċità ta' 10 kilometri fis-siegħa, li tibda mill-pożizzjoni ta' quddiemnett. L-isforz għall-kontroll tad-direzzjoni fuq ir-rota tal-*steering* għandu jkun innutat sal-mument meta l-*steering* jilħaq il-pożizzjoni li tikkorrispondi mal-vettura li tkun dieħla f'ċirku tond ta' *radius* ta' 12-il metru; l-isforz għall-kontroll tad-direzzjoni m'għandux jeċċedi il-valuri dettati. Id-dewmien tal-manuvra (il-ħin bejn il-mument meta l-kontroll ta' l-*steering* ikun l-ewwel imħaddem u l-mument meta jilħaq il-pożizzjoni fejn il-qisien ikunu meħuda) m'għandux jaqbeż erba' sekondi f'każi normali u sitt sekondi jekk l-provvista ta' l-enerġija addizzjonali tinqata'. Għandha ssir manuvra waħda lejn il-lemin u oħra lejn ix-xellug.

Għat-test, il-vettura għandha titgħabba bil-piż massimu permissibbli għaliha teknikament; il-pessjoni fuq ir-roti flimkien mad-distribuzzjoni tal-piż bejn il-fwies għandhom ikunu kif indikat mill-manifattur.

2.2.2 *Steering gear*

- 2.2.2.1 Għandu jkun possibbli sabiex wieħed jidderieġi l-vettura anke fl-eventwalita tan-nuqqas totali jew parzjali tal-komponenti idrawliċi, pnevmatiċi jew elettriċi ta' l- *steering gear*.

- 2.2.2.2 L-*steering gear* mekkaniku għandu jkun imfassal b'tali mod li jilħaq kull ħtieġa operazzjonali. Dawn għandhom ikunu faċilment aċċessibbli għal manutenzjoni u spezzjonar.

- 2.2.3 *Steered Wheels*
- 2.2.3.1 Ir-roti ta' wara m'għandhomx ikunu l-uniċi *steered wheels*. Din il-ħtieġa ma tapplikax għal semi-karrijiet.
- 2.2.3.2 Vetturi bil-mutur li r-roti ta' wara tagħhom huma wkoll diretti bl-*steering* għandhom jiġu suġġetti għat-test li ġej:
- 2.2.3.2.1 Is-sewwieq għandu jkun kapaċi jżomm ir-roti ta' wara f'linja dritta, mingħajr ma jagħmel xi korrezzjoni irregolari tad-direzzjoni, fi triq ċatta u orizzontali b'veloċità ta' 80 kilometru fis-siegħa jew b'veloċità massima stabbilita jekk din hija anqas minn 80 kilometru fis-siegħa.
- 2.2.3.3 Karrijiet għandhom ukoll jiġu suġġetti għat-test speċifikat f'punt 2.2.3.2.1, b'veloċità ta' 80 kilometru fis-siegħa jew bil-veloċità permessa teknikament mistqarra mill-manifattur jekk ta' l-aħħar hija anqas minn 80 kilometru fis-siegħa, fil-każijiet li ġejjin:
- fejn il-karru ikun mgħammar b'aktar minn fus wieħed li għandu *steered wheels*,
 - fejn il-karru ikun semi-karru mgħammar b'ta' l-anqas fus wieħed li għandu *steered wheels* (*),
- 2.2.4 *Tagħmir speċjali*
- 2.2.4.1 Tagħmir *Servo-steering* m'hux permess.
- 2.2.4.2 Meta tagħmir ta' *steering* assistit ma jkollux is-sors ta' enerġija addizzjonali tiegħu, għandu jinkludi riserva ta' enerġija. Jekk is-sors ta' enerġija użat ikun arja kumpressata, r-riserva ta' l-arja kumpressata għandha tkun protetta min-*non-return valve*.
- 2.2.4.3 Għandu jkun possibbli li wieħed jagħti direzzjoni lill-vettura anke jekk it-tagħmir speċjali jieqaf.
-

(*) Kif korrett mill-corrigendum publikat fl-ĠU L 196 tat-3 ta' Settembru 1970.